# Il-Moviment tan-Nazzareni

## *u l-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien*

Meta wieħed iżur il-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien jinnota li l-artali fil-kappelli u fil-kappelluni m'għandhomx dik l-iskultura ta' uċuħ ta' anġli jew kerubini u xi bukkett ta' ward mad-dawra tagħhom kif naraw fi knejjes parrokkjali oħra. Ta' kurjuż li jien, ħafna snin ilu, kont staqsejt lil Rafel Bonnici Calì u dan kien weġibni li dak kien ix-xogħol tal-perit Mikiel Busuttil li kien membru tal-**Moviment tan-Nazzareni.** Kien tani pitazz li fih kien hemm xi noti miktubin minnu dwar dan il-Moviment.

Il-**Moviment tan-Nazzareni** beda ħafna 'l bogħod mix-xtut Maltin, iżda ħalla impatt kbir fuq il-knisja parrokkjali tagħna. Dan il-Moviment jaf il-bidu tiegħu lill-Ordni kważi reliġjuż li kien twaqqaf fi Vjenna fl-1809 minn Franz Pforr u Fredrich Overbeck bil-għan speċifiku li jirriġġeneraw l-arti reliġjuża. Minn Vjenna dan il-Moviment tferrex, iżda l-qalba tiegħu kienet f'Ruma. Min kien jidħol f'dan il-moviment kien jgħix ħajja komunitarja fil-Monasteru ta' San Sidor fl-inħawi ta' Puncio ġewwa Ruma. Kellhom il-libsa distinta tagħhom u kienu jgħixu ħajja stretta. Kien għalhekk proprju li tawhom il-laqam tan-**Nazzareni.** Għalihom il-pittura sagra riedet tkun mimlija sinjifikat reliġjuż u għalhekk insibuhom ukoll imlaqqmin bħala l-*Moviment tal-Puristi*. Għalihom il-pittura kellha tkun mingħajr dawk ix-xinxilli li kienu xettlu l-għeruq tagħhom fil-fond fit-tħaddim estetiku tal-arti. Kien Moviment li rribella kontra l-idjoma Barokka. Huma riedu li l-pittura tmur lura għal żmien ta' qabel Raffaello Sanzio. Fl-Ingilterra dan il-moviment kien jissejjaħ *The Pre-Raphelite Movement* b'Dante Gabriele Rossetti l-promutur tiegħu.

Tommaso Minardi kien l-iktar pittur u għalliem tal-arti influwenti li kien membru ta' dan il-Moviment ġewwa Ruma għal bidu tad-19-il seklu. Peress li f'dawk iż-żminijiet (wara l-1820) tista' tgħid li kull artist promittenti Malti kien imur Ruma biex ikompli jitrawwem fid-disinn u fit-teknika tal-pittura, kienet ħaġa minn awl id-dinja li dak l-artist kien jiddakkar minn dawk il-preċetti estetiċi ta' Minardi u Overbeck. Dan jispjega kif artisti Maltin Puristi jew Nazzareni li kienu attivi f'Malta matul is-seklu dsatax fil-maġġoranza tagħhom ġeddew u esploraw dik l-idjoma karatteristika li niltaqgħu magħha f'bosta knejjes f'Malta u f'Għawdex fil-pittura li hemm ġewwa fihom. Fosthom ta' min isemmi lil Pietro Paolo Caruana u ibnu Raffaele, Paola Cuschieri, Antonio Falson, Tommaso Madiona, Giuseppe Bonnici, Ignazio Carlo Cortis, Giuseppe Hyzler u ħuh Vincenzo. Dawn l-artisti (pitturi) ma nsibux xogħol tagħhom fil-knisja parrokkjali tagħna u għalhekk fl-inkwatri tagħna m'għandna lil ħadd li hu influwenzat minn dan il-Moviment imma l-knisja tagħna ntlaqtet fl-iskultura li kien hemm madwar l-artali.

Fl-artiklu interessanti tal-ħabib tiegħi Jos. G. Debono li kien deher fil-Fuljett '**Tarxien' Ħarġa tal-Festa tal-2005** bl-isem ta' 'Meta l-Festa Ma Saretx' insibu l-istorja ta' meta l-lanterna tal-koppla kienet intlaqtet b'sajjetta fl-1890. Il-kappillan, Dun Franġisk Feliċ Attard qabbad lill-Perit Mikiel Busuttil, li kien joqgħod f'Ħal Tarxien, biex mill-aktar fis possibbli jsewwi l-ħsara li kienet saret mis-sajjetta. Dan Mikiel Busuttil kien influwenzat bil-kbir mill-*Moviment tal-Puristi* li kif rajna kienu kontra dak kollu li kien barokk. Il-ħabib tagħna jkompli jikteb li mix-xogħol tat-tiswija tal-lanterna 'għaddew biex bi skuża jew oħra, neħħew l-iskultura dekorattiva li kien hemm f'kull kappella tal-knisja tagħna.' Ftit ftit saret kinsa totali tal-iskulturi li kien hemm u l-knisja parrokkjali saret 'qisha dgħajsa'. Dawk l-anġli, uċuħ ta' kerubini, kolonni l-ġmiel tagħhom, *figure* ta' erwieħ fin-nar tal-Purgatorju eċċ. eċċ. li kien hemm fil-knisja parrokkjali u li missirijietna ħallsu għalihom ġew imneħħija kollha. Dan kollu għax il-perit Mikiel Busuttil kien membru tal-*Moviment tal-Puristi* li kien kontra kull pittura u skultura Barokka. Jekk wieħed iqalleb il-ktieb ta' Mons. Vincent Borg '**Il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien**' li ħareġ fl-1973, isib kemm kienet qamet dik l-iskultura fil-ġebel lil missirijietna għax f'dak il-ktieb hemm imniżżel kull skud li ntefaq. L-isbaħ żewġ kolonni jinstabu mitluqin fiċ-ċimiterju tal-Erwieħ, uċuħ ta' anġli u kerubini qegħdin f'diversi djar f'Ħal Tarxien u oħrajn ġew jew meqruda jew mibjugħa.


Ritratt: Paul Saliba

*Kolonni salamonjati li kienu fil-Knisja Parrokkjali*

Mikiel Busuttil twieled ir-Rabat Għawdex lil Clement mill-Belt Valletta u lil Marija Teresa Cassar minn Għawdex. Hu kien ġie joqgħod f'Ħal Tarxien fi Strada Reale biex ikompli jissorvelja x-xogħol li kien beda l-Perit Emmle. Galizia meta ppjanta ċ-ċimiterju fuq l-Għolja tal-Ħorr (iċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata) li dak iż-żmien kien fil-konfini ta' Ħal Tarxien. Ix-xogħol imwettaq minn dan il-perit kien imfaħħar minn kulħadd.

Mikiel Busuttil miet fit-13 ta' Frar 1908 fid-dar tiegħu fi Strada Reale fl-età ta' 69 sena. Hu midfun fin-nofs tal-korisja fil-knisja parrokkjali. Kellu lapida tal-irħam fuq il-qabar tiegħu, l-aħħar li rajtha xi snin ilu, kienet taħt it-taraġ tas-sagristija l-qadima.

Il-Moviment tal-*Puristi* jew tan-Nazzareni f'Malta spiċċa fix-xejn bl-influwenza qawwiija ta' Ġużè Calì u artisti Taljani lejn il-bidu tas-seklu 20.

Referenzi

Il-Fuljett 'Il-Knisja Tiegħi' ħarġa ta' Ottubru-Novembru 2003, kitba ta' Vince Galea pp.8-9.
L-Istorja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid ta' E. B. Vella, 1932 pp. 220-221.
Ġużè Calì ta' Emmle Forentino u Louis Grasso, 1991, p. 242.
Fuljett tal-Festa 'L-Għid tal-Assunta' Victoria Għawdex Nru. 26 tal-1991, artiklu ta' Joseph Attard Tabone.
'Ħal Tarxien' ta' V. Battistino, 1993, pp.111, 133, 236, 419.
'Tarxien' Ħarġa Speċjali tal-Festa, 2005', artiklu ta' Jos. G. Debono pp. 37, 39, 41, 43, 45.
'Marian Art During the 17th & 18th Centuries' Ed. Mario Buhagiar, 1983, pp. 27, 28.
Fuljett tal-'Festa Santa Marija', il-Gudja, 1994, artiklu ta' E. Fiorentino pp. 15-17.
Ta' min jaqra wkoll il-ktieb 'The Pre-Raphaelites' ta' K. E. Sullivan, 1996.s

**Jos. A. Farrugia**

HEDZ'S
hairdressing
salon
*for a perfect haircut!*
Open on Mondays
48, Triq Birżebbuġa,
Ħal Tarxien
for an appointment call
Tel: 2166 0005

LORDAN
STATIONERY & HABERBASHERY
The Shop for
Magazines – Novelties – Toys – Gifts – Cards
Souvenirs – Films – Clothing Apparel
Local & Foreign Newspapers – Photocoping
**233, Sisters Street, Tarxien**
*(Opposite Joann Gardens)*
